MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.

## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tat-3 ta' Gunju, 2015

Avviz Numru. 121/2015

**Bank of Valletta p.l.c. (C 2833)**

**Vs**

**Jacqueline Fenech**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tas-socjeta' attrici li gie pprezentat fir-Registru ta' din il-Qorti nhar is-16 ta' April 2015 fejn talbet lil din il-Qorti tikkundanna lill-konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' disat elef, mitejn u

hamsa u tletin Ewro w sebgha w sittin centezmu (€9,235.67) bilanc ghad-debitu fil-*"Consumer Loan u Credit Card Loan Accounts"* taghha mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. "A1 sa A3", Dok "B1 sa B2" u Dok "C") flimkien ma' l-imghax ulterjuri mill-25 ta' Marzu 2015 sad-data ta' l-effettiv pagament, liema *Loans* gew moghtija lilu permezz ta' tliet skritturi privati, wahda minnhom datata 23 t'April 2008 (Dok. "D"), ohra datata 17 t'Awwissu 2010 (Dok. "E") u ohra datata 24 ta' Jannar 2012 (Dok. "F").

U dan wara li jigi dikjarat illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fl-iskritturi privati hawn fuq indikati (Dok. "D", "E" u "F") partikolarment, imma mhux esklussivament, billi l-konvenuta Jacqueline Fenech (a) naqset milli thallas il-pagamenti dovuti lis-socjeta' mittenti kif stipulat fl-imsemmija skritturi, u (b) kienet inadempjenti f'obbligi ohra minnha assunti fl-istess skritturi sopraindikati, u/jew (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi tal-istess konvenuta li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilita' tal-hlas lura tal-imsemmi debitu dovut lis-socjeta' attrici u b'hekk il-konvenuta iddekadiet mill-beneficcju tat-terminu u l-imsemmi debitu sar dovut fl-intier tieghu f'daqqa.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali datata 28 ta' Mejju 2014 (Dok. "G") u tal-Mandat ta' Sekwestru li qed jigi pprezentat kontestwalment kontra l-konvenuta li hija minn issa ngunta sabiex tidher ghas-subizzjoni.

Rat illi l-konvenuta giet debitament notifikata kif jirrizulta mir-riferta datata 24 t'April, 2015 tal-Court Messenger Connie Pullicino li tinsab esebita a fol. 33 tergo tal process.

Rat ili fis-seduta tas-27 ta Mejju 2015 il-konvenuta naqset li tidher sabiex tikkontesta t-talba attrici.

Ili fl-istess seduta tas-27 ta' Mejju 2015 il-bank attur ipprezenta Kapitolu ghas-subizzjoni tal-konvenuta .

**Ghaldaqstant din il-Qorti qieghda tilqa' t-talba tal-bank attur kif kontenuta fir-rikors promotor b'dan illi qieghda tikkundanna lill-konvenuta Jacqueline Fenech thallas lill-bank attur is-somma ta' disat elef, mitejn u hamsa u tletin Ewro w sebgha w sittin centezmu (€9,235.67) ghar-ragunijiet imsemmija fir-rikors promotur, *bl-imghax mitlub fl-avviz promotur mill-25 ta' Marzu 2015 sad-data tal-effettiv pagament.*****

**Bl-ispejjez tal-prezenti kif ukoll ta' l-ittra ufficjali datata 28 ta' Mejju 2014 (Dok. "G") u tal-Mandat ta' Sekwestru li gie pprezentat kontestwalment, a karigu tal-konvenuta.**

**kliem mizjud b'digriet moghti fl-1 ta' Lulju 2015 fuq rikors tas-socjeta' attrici pprezentat fil-15 ta' Gunju 2015.*

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------